MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Numru 15/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Gabriel Sillato, ta' 24 sena, bin Anthony u Maria nee' Vella, imwieled Victoria, nhar il-26 ta' Novembru 1988, residenti fil-fond numru S.S.Couri, Triq Guze Micallef, Rabat u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 489G**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Gabriel Sillato li gie akkuzat talli nhar is-07 ta' Awwissu 2010, u xhur ta' qabel gewwa l-Ghawdex, u f'inhawi diferenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti anke jekk

maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. talli saq ventura tal-ghamla Toyota MR2 bin-numru tar-registrazzjoni GTS300, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew tal-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmija vettura u b'hekk ma kienx kopert b'licenzja jew polza ta'l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni;
2. Ukoll talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi, f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' numru ta' registrazzjoni falz ta' vettura jaqra GTS300 maghmul fuq il-plastik.
3. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi pproduca numru ta' registrazzjoni falz ta' vettura jaqra' GTS300 maghmul fuq l-plastik.
4. U talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi pproduca numru ta' registrazzjoni falz ta' vettura jaqra GTS300 maghmul fuq l-plastik.
5. Ukoll talli involontarjament ikkaguna hsara li tammonta ghal aktar minn elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha w sittin centezmu (€1164.69) u dan ghad detriment ta' Joseph Spiteri.
6. Ukoll talli nhar is-07 ta' Awwissu 2010 ghal habta tas-saghtejn nieqes kwart ta' wara nofsinhar (1345hrs) gewwa Triq Marsalforn, Zebbug, u cirkustanzi, saq vettura b'manjiera perikoluza, bla kont traskuraggni u negligenti u bi speed eccessiv.

7. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku sar hati ta' reat li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi u dan bi ksur tal-artikolu 141 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi

Rat d-dokumenti esebiti.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tas-27 ta' Frar 2012.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi huwa fatt mhux ikkontestat illi l-imputat huwa suldat addett mal-Forzi Armati ta' Malta u stazzjonat Headquarters Company Third Regiment AFM. Illi huwa ukoll fatt mhux ikkontestat illi l-imputat kien involut f'incident stradali fis-07 ta' Awwissu 2010 meta kien qieghed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GTS300 fejn kienet riekba mieghu certu Alessia Camilleri. Jidher illi ghal xi raguni inspjegabbli l-imputat li kien qieghed isuq fi Triq Marsalforn, direzzjoni lejn Marsalforn, tilef il-kontroll tal-vettura tieghu, baqa' sejjer fuq il-karreggjata l-opposta tat-triq, habat ma' vettura li kienet ipparkeggjata fuq dik in-naha tat-triq, wara dan baqa' diehel f'hajt tas-sejjieh, u bl-impatt il-vettura daret fuqha innifisha sabiex fl-ahhar spiccat waqqfet fuq il-karreggjata tat-traffiku niezel lejn Marsalforn, izda b'wiccha 'il fuq direzzjoni lejn ir-Rabat. F'dana is-sinsitru stradali kemm l-imputat kif ukoll Alessia Camilleri soffrew griehi ta natura hafifa u dana kif iccertifika Dr. Mario Victor Masini. Illi Alessia Camilleri, madanakollu irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta'l-imputat u kwindi l-ebda akkuza ma inharrget f'dana ir-rigward. Illi f'dana l-incident gew

ikkagjonati hsarat fuq vettura bin-numru JBN 309 proprjeta ta’ Joseph Spiteri u fuq hajt tas-sejjieh proprjeta ta’ huh Mark Spiteri. Illi mill-atti jirrizulta illi l-imputat ikkumpensa lill-vittmi ghal hsarat minnu ikkagjonati u dana sahansitra qabel ma inbdew dawn il-proceduri, tant illi l-ahwa Spiteri iddikjaraw fil-Qorti illi huma ma fadlilhom l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront ta’l-imputat.

Illi matul il-kors ta’l-investigazzjonijiet maghmula mill-pulizija in konnessjoni ma’ dan is-sinistru stradali hareg illi l-vettura misjuqa mill-imputat kienet ilha iggaraxxjata sa mid-29 ta’ Lulju 2009. Illi inoltre meta l-pulizija accedew fil-garaxx ta’l-imputat sabiex jikkonstataw il-hsarat li kien hemm fil-vettura, huma indunaw illi wahda mill-pjanci ta’ registrazzjoni li kellha dina l-vettura kienet giet iffalsifikata billi kienet fotokopja imwahhla fuq bicca plastik. L-imputat jigi arrestat u interrogat u mal-ewwel jammetti fl-istqarrija tieghu li kien hu li iffabbrika dina l-pjanca billi huwa ried johrog il-vettura halli “iharrikha ftit”. Fil-fatt meta mistoqsi minn fejn kien gab dina l-pjanca tal-plastik ighid: “Dak ghamiltu jien, fotokopja tal-kulur. Nghid li kont ghamiltu qabel ma kont iggaraxxjat l-karozza.”

Illi abbazi ta’ dawn l-investigazzjonijiet ghalhekk gew intavolati il-proceduri odjerni fil-konfront ta’l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi l-akkuzi ewlenija migjuba fil-konfront tal-imputat huma dawk tal-falsifikazzjoni. Illi fir-rigward ta’ dana r-reat, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta’ falz f’dokumenti pubblici u skritturi privati. Illi meta wiehed ihares lejn l-akkuzi jirrizulta illi l-imputat huwa akkuzat kemm bl-hekk imsejjah falz materjali kif ukoll bil-falz ideologiku. Illi certament dawna inghataw kollha bhala akkuzi alternattivi u dana peress illi kull disposizzjoni tal-ligi tikkontempla kuncett legali separat ta’ modalita’ kif jigi kommess il-falz. Kif gie ritenut f’diversi sentenzi moghtija mill-qrati taghna fosthom f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet “**Il-Pulizija vs Paul Galea**” deciza fis-17 ta’ Ottubru 1997:

"**Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "*non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …*"**

Illi dana l-kaz kien jitratta pjanca ta' registrazzjoni falza. Illi hawnhekk allura jista' jirrizulta r-reat tal-falsifikazzjoni a tenur ta'l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 u cioe' tar-reat tal-falz ideologiku u mhux tal-falz materjal kif ravvizat fl-artikolu 183, 184 u 185 tal-Kapitolu 9. Dana qed jinghad peress illi il-pjanca ta' registrazzjoni maghmula mill-imputat ma kenux xi dokumenti iffalsifikat fl-essenza tieghu Hawnhekk si tratta ta' flasifikazzjoni ideologiku ghaliex gie immanifatturat dokument li jindika informazzjoni skorretta. Il-pjanca giet maghmula fuq l-plastik u ghalhekk inholoq "dokument" falz sabiex jinkiseb il-vantagg kif spjegat fl-artikolu 188.

Illi stabbilit ghalhekk illi legalment tista tinstab htija ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9, il-Qorti

tosserva illi in-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali dina id-disposizzjoni tal-ligi ma hijiex indikata. Illi l-Avukat Generali jindika l-artikoli 183, 184, 186 u 187. Illi kif diga inghad iktar ‘il fuq il-fattispecje ta’ dana il-kaz ma jinkwadrawx ruhhom taht l-artikoli 184 u 185 billi dana mhuwiex il-kaz ta’ falz materjali kontemplata f’dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi. Illi bir-rispett kollu, anqas l-artikoli 186 u 187 ma isibu applikazzjoni ghal kaz in dizamina. Illi l-artikolu 186 jaghmel referenza ghall-artikolu 185 u cioe’ ghar-reat ta’ ghoti ta’ dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz minn ufficjal pubbliku fl-ezercizzju tal-kariga jew impieg tieghu u l-artikolu 186 jirreferi ghal persuna li xjentement taghmel uzu minn dawn id-dokumenti. Illi ghalkemm gie stabbilit mill-provi illi l-imputat huwa ufficjal pubbliku billi huwa suldat mal-Forzi Armati ta’ Malta, madanakollu l-pjanca ta’ registrazzjoni maghmula minnu fuq il-karozza privata tieghu ma ghandha xejn x’taqsma mal-kariga jew impieg tieghu u kwindi lanqas dina id-disposizzoni tal-ligi ma issib applikazzjoni ghal dana il-kaz. Illi l-istess jista’ jinghad ghar-rigward ta’l-artikolu 187 tal-Kapitolu 9 li jirreferi ghar-reat tal-falsifikazzjoni fi skritturi privati. Illi ma hemmx dubbju illi pjanca ta’ registrazzjoni ta’ vettura ma tista’ qatt tigi ikkunsidrata bhala xi skrittura privata billi dana huwa “dokument” mahrug minn Awtorita pubblika. Illi ghalhekk l-uniku disposizzjoni tal-ligi illi tahtu dina l-Qorti tista’ issib htija fil-konfront ta’l-imputat huwa l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (rifless fit-tielet akkuza) kif hawn fuq spjegat. Illi jigi rilevat li n-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali skond is-subartikolu 3 ta’l-artikolu 370 tassumi rwol simili ghal dak ta’l-att ta’l-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Illi fil-kawza ir-Repubblika ta’ Malta vs Anthony Muscat et deciza mill-Qorti Kriminali fl-14 ta’ Frar 2008 kien sar zball fl-att ta’l-Akkuza fejn l-Avukat Generali halla barra artikolu tal-ligi li tahtu kienet giet imressqa l-ewwel akkuza. Il-Qorti hekk iddecidiet:

“*Fl-ewwel lok din il-Qorti tqis li una volta l-Avukat Generali kien baghat in-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju bl-artikoli li tahthom hass li setghet tinstab htija, zball u mhux zball ta’ min abbozza dik in-Nota, huwa kien prekluz li wara jzid artikoli ohra li fil-fatt kienu jittraducu ruhhom f’akkuza ohra*

*li ma kenitx inkluza fin-Nota, sia pure li din l-akkuza kienet tiffigura bhala l-ewwel akkuza fil-prezentata.*”

Billi ghalhekk l-Qorti hija marbuta li issib htija biss ghar-rigward tad-disposizzjonijiet tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta’ rinviju tieghu ghal gudizzju li hija ekwiparata fil-ligi mal-Att ta’l-Akkuza, hija ghalhekk prekluza milli issib htija il-konfront ta’l-imputat ghal ksur ta’ dina id-disposizzjoni tal-ligi.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat li saq vettura minghajr licenzja u minghajr ma kien kopert b’polza ta’l-assikurazzjoni u dana bi ksur tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi fis-07 ta’ Frar 2013, id-difiza issollevat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’l-azzjoni kriminali ghar-rigward ta’l-akkuza mahruga taht il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta. Illi id-data indikata fl-akkuza hija dik tas-07 ta’ Awwissu 2010. Illi mir-riferta esebieta mill-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-ewwel darba illi l-imputat gie innotifikat bl-akkuza kien l-1 ta’ Lulju 2011. Illi l-artikolu 3(3)(a) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddisponi illi l-azzjoni kriminali ghar-reati ikkontemplati fl-artikolu 3 jaqghu bid-dekors ta’ sitt xhur. Illi ma hemmx dubbju ghalhekk illi meta l-imputat gie innotifikat bl-akkuza is-sitt xhur indikati fil-ligi kienu lahhqu iddekkorrew u kwindi dina l-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara din l-akkuza preskritta skond il-ligi.

Illi l-istess ma jistax jinghad ghall-akkuza ikkontemplata fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta minn fejn jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat b’zewg reati differenti u cioe’ fl-ewwel lok illi saq il-vettura minghajr licenzja mahruga mill-Awtorita Kompetenti u it-tieni lok illi saq il-vettura b’manjiera traskurata u perikoluza. Illi ghar-rigward ta’l-ewwel reat din tirrizulta ampjament ippruvata mix-xhieda moghtija minn Saviour Farrugia rapprezentant tat-Transport Malta minn fejn jirrizulta illi l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni GTS300 kienet giet igaraxxjata fid-29 ta’ Lulju 2009. Dana ifisser ghalhekk illi dina il-vettura ma kellhiex licenzja ghat-triq mahruga mit-

Transport Malta. Illi dina l-akkuza hija riflessa ukoll fir-regolament 14(1) tal-Avviz Legali 476 tal-2004 indikata mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu ghal gudizzju. Illi l-istess ma jistax jinghad ghar-rigward tat-tieni akkuza. Ma hemm l-ebda xhieda fl-atti li jitfa' dawl fuq il-mod kif kien qed isuq l-imputat qabel ma sehh l-impatt. Mill-iskizz esebiet mis-surgent 664 jirrizulta illi l-vettura ta'l-imputat qassmet il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni l-opposta habtet ma' vettura li kienet ipparkeggjata fuq in-naha l-ohra tat-triq, habtet ma' hajt tas-sejjieh, darret fuqha innifisha u spiccat wiccha 'il fuq lejn id-direzzjoni tar-Rabat fuq il-karreggjata tat-traffiku niezel lejn Marsalforn. Il-vettura ta'l-imputat halliet brake marks ta' tul ta' 15 il-metru. Illi ghallkemm tali indikazzjonijiet fuq ix-xena ta'l-incident huma indikattivi illi l-imputat seta' kien qieghed isuq b'velocita ikbar minn dak permess bil-ligi, madanakollu ma hemmx prova ohra li tista' tindika x'ikkaguna dana is-sinsitru stradali u jekk l-istess kienx dovut unikament ghal manjiera tas-sewqan ta'l-imputat. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm minn qari ta'l-akkuza jirrizulta illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat tal-hsara involontarja, madanakollu fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tieghu, l-Avukat Generali jindika l-artikolu 325(1) tal-Kapitolu 9 u mhux l-artikolu 328. Illi minn ezami akkurat tal-provi jirrizulta illi dana il-kaz huwa kaz klassiku ta' incident stradali fejn minhabba fil-kollizzjoni li sehhet gew ikkagjonati diversi hsarat kemm fuq vettura kif ukoll fuq hajt tas-sejjieh li huwa proprjeta privata. Illi ghalhekk l-imputat qatt ma jista' jinstab hati illi ikkaguna dina il-hsara b'mod intenzjonali. Ghallinqas ma hemmx provi **fl**-atti li remotament jistghu jindikaw dan. Il-provi li hemm kollha jippuntaw subajghom f'direzzjoni wahda u cioe' illi dana is-sinistru stradali ma sehhx appozitament izda b'mod accidentali u kwindi dina l-Qorti ser issib htija taht dak dispost fl-artikolu 328(d). Illi l-ligi tiddisponi illi l-azzjoni kriminali taht dina id-disposizzjoni tal-ligi tista' tirnexxi biss fuq il-kwerela tal-parti offiza. Issa l-parti offiza u cioe' Mark

u Joseph Spiteri xehdu f'dina l-kawza fejn iddikjaraw illi l-imputat hallas id-danni kollha minnu ikkagjonati kemm fil-hajt kif ukoll fil-vettura u li huma ma kienx fadlilhom pretensjoni ulterjuri fil-konfront tieghu. Illi b'daqshekk ma ifissirx illi huma kienu qed jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta'l-imputat. Dikjarazzjoni f'dan is-sens ma hemmx u kwindi il-Qorti fic-cirkostanzi ghalkemm ser issib htija fil-konfront ta'l-imputat ser tghaddi biex tapplika is-sanzjoni tal-multa billi ser toghla bi grad minhabba l-applikazjoni ta'l-artikolu 141 kif ser jinghad.

Illi l-artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi is-segwenti:
*"Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad".*
Illi ghalhekk billi ser tinstab htija biss ghar-reati ikkontemplati fl-artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 328(d) tal-Kapitolu 9, l-Qorti ser tghaddi biex tapplika is-sanzjoni tal-multa fil-konfront ta'l-imputat. Dana qed jinghad ukoll id-dawl tal-fatt illi l-imputat hallas id-danni kollha minnu ikkagonati lill-parti leza u dana sahansitra qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri fil-konfront tieghu, kif tindika ir-ricevuta esebieta a fol.67 tal-process. Illi ghar-rigward ta'l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ta'l-imputat, l-Qorti mhijiex ser tapplika dina is-sanzjoni billi l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65, ukoll ma giex indikat fin-nota ta'rinviju ta'l-Avukat Generali u tali skwalifika lanqas giet mitluba mill-prosekuzzjoni. Kwindi dina l-Qorti fid-dawl ta' dak dispost fl-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 hija prekluza milli tghaddi biex tapplika dina is-sanzjoni fil-konfront ta'l-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 141, 328(d) u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 14(1) tal-Avviz Legali 476 tal-2004 u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tiddikjara l-akkuza ai termini ta'l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 preskritta skond il-

ligi u filwaqt li tillibera lill-imputat mill-akkuzi dwar il-falsifikazzjoni u tal-hsara volontarja, issibu hati tar-reat tal-hsara involontarja u ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta biss ghar-rigward tas-sewqan tal-vettura minghajr licenzja ghat-triq u tikkundannah ghal hlas ta’ multa ta’ tlett mija u hamsin ewro (€350).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------